MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 12/2000
Kawza Numru. 121

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Vassallo**
**V**

**JOHN SALIBA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SALIBA** ta’ sitta w ghoxrin sena bin Joseph u Maria Dolores nee Spiteri, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tmienja ta’ Novembru 1972 u residenti 36, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 27372G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer fis-sebgha ta' Mejju 1999, u fix-xhur ta' qabel, ikkoltiva l-pjanta Cannabis;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha f'cirkostanzi tali li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Fiat tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2000 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 4 tal-atti processwali u l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2000 esibit a fol 11 et seq tal-atti, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha ta' Mejju 1999 esibita a fol 60 tal-atti processwali.

Rat ukoll l-kontr'ordini mibghut milll-Avukat Generali fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2008 a fol 187 tal-atti.

Semghet lil imputat jirregistrata ammissjoni ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fl-udjenza tat-tnejn t'April 2008 kif jirrizulta a fol 189 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jitlob li jithejja *pre sentencing report* fil-konfront tieghu waqt s-seduta tat-tnejn t'April 2008 kif jirrizulta a fol 189 tal-atti.
Semghet lil Probation Officer **Trevor Calafato** jixhed fis-seduta tat-tnax ta' Mejju 2008 (fol 192) fejn qal li meta l-imputat inqabad bid-droga huwa kien ghaddej minn perjodu ta' *stress* kbir u xi hadd ghaqli kien issuggierilu sabiex ikabbar il-haxixa ghal uzu personali tieghu. Qal li

meta kkuntattja lil Caritas, lis-Sedqa u lil Oasi, ma deherx li kien hemm records tal-imputat w ghalhekk minn dak li rrizultalu, dan kien kaz uniku ta' dak l-perjodu. Qal li llum il-gurnata, l-imputat jahdem f'kazin f'Ghawdex, ghandu tlett itfal u jghix hajja normali. Ix-xhud fir-rakkomandazzjonijiet tieghu ssuggerixxa li tigi applikata sentenza bbazata fil-komunita specifikament Ordni ta' Servizz fil-Komunita, liema xoghol fil-Komunita jkun ghal mitejn w erbghin siegha u li dan isir skond l-arrangamenti mhejjija mill-Ufficju tal-Probation bil-kolloborazzjoni ta' Dun Manuel Cordina (OASI) w approvat minn din l-istess Qorti. Illi dan qed jigi suggerit sabiex jigi saldat d-dejn li l-imputat ghandu lejn s-socjeta filwaqt li jkompli jikkonsolida l-andament posittiv tieghu. Ix-xhud esibixxa d-dokument TC u cioe r-rapport minnu mhejji.

Semghet lil prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw il-kawza dwar il-piena li ghandha tinghata minn din il-Qorti u dan fis-seduta tal-ghoxrin ta' Gunju 2008.

Rat r-rapoort tal-Ispizjar Mario Mifsud esibit fl-atti a fol 68 et seq nhar l-ghaxra ta' Jannar 2003, u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu sebgha pjanti tal-Cannabis b'ammont nett totali ta' Cannabis ta' 1.327 grammi.

Illi mix-xhieda ta' PS 104 Michael Portelli jirrizulta li dawk huma l-unici pjanti li nstabu ghand l-imputat u dwar dan ma kienx hemm kontestazzjoni.

Rat wkoll li din il-kawza ilha li bdiet mis-sena 2000, u giet mghoddija lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-erbatax ta' Novembru 2002, u sussegwentement il-kawza ghamlet zmien wieqfa ghaliex l-imputat waqa u kiser siequ (vide fol 108).

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-piena, l-Qorti sejra tiehu 'n konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni tal-imputat ghalkemm registrata mhux fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

2. Il-fedina penali tal-imputat kif esebita fl-atti a fol 2 et seq minn fejn jirrizulta illi l-imputat m'ghandu ebda reat registrat fuqha w ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*;

3. Ix-xhieda li ta' l-Probation Officer Trevor Calafato fejn qal li meta l-imputat inqabad bid-droga, huwa kien ghaddej minn perjodu ta' *stress* kbir u xi hadd ghaqli kien issuggierilu sabiex ikabbar il-haxixa ghal uzu personali tieghu u li meta kkuntattja lil Caritas, lis-Sedqa u lil Oasi, ma deherx li kien hemm records tal-imputat u ghalhekk minn dak li rrizultalu, dan kien kaz uniku ta' dak l-perjodu;

4. Illi llum il-gurnata, l-imputat jahdem f'kazin f' Ghawdex, ghandu tlett itfal u jghix hajja normali;

5. Illi l-kawza damet tmien snin biex tigi deciza;

6. L-ammont zghir ta' droga li nstabet fil-pussess tieghu u cioe dak ta' 1.327 grammi.

**Il-Qorti ghalhekk,** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(c)(d) u 22(2) tal-Kap 101, l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOHN SALIBA hati tal-akkuzi kollha kif mghotija fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tordna lill-istess imputat jhallas multa ta' hames mitt (500) Euro u bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda takkorda l-fakulta` lill-imputat li jhallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin (60) Euro b'dan li l-ewwel pagament isir sa mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Settembru 2008.**

**Il-Qorti tinnomina lil analista Mario Mifsud sabiex jiddistruggi d-droga esibita f'dawn l-atti.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Gwido Vella [fol 42] u tal-espert Mario Mifsud [fol 155] fl-ammont komplessiv ta' mija u ghaxar liri maltin ekwivalenti ghal mitejn sitta w hamsin Euro [€256] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan u lil Ispizjar Mario Mifsud fir-rigward d-distruzzjoni tad-droga.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------